IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MT

Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-7 ta' Diċembru 2017

Garanziji fuq is-self ipprovduti lill-SMEs: inkisbu riżultati pożittivi, iżda jeħtieġ orjentament akbar u koordinazzjoni aħjar mal-iskemi nazzjonali, jgħidu l-Awdituri tal-UE

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, id-daqs ta' żewġ programmi tal-UE ta' garanzija fuq is-self ġie stabbilit mingħajr ma twettqet analiżi komprensiva tal-ħtiġijiet tas-suq, u għadd kbir wisq ta' kumpaniji li bbenefikaw ma kinux verament jeħtieġu self garantit. Madankollu, dawk il-kumpaniji li rċevew dan it-tip ta' self, effettivament kibru. L-awdituri jgħidu li perċentwal sinifikanti ta' kumpaniji li rċevew self garantit relatat mal-innovazzjoni wrew biss livell modest ta' innovazzjoni. Dan mhuwiex konformi mal-fokus u l-ambizzjoni għall-eċċellenza ddikjarati fir-regolament. L-awdituri josservaw ukoll il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea għadha ma pprovdietx biżżejjed evidenza dwar l-impatt tal-garanziji fuq is-self u dwar il-kosteffettività tagħhom. Filwaqt li l-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà ġenerali għall-programmi, l-implimentazzjoni tagħhom taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI).

L-awdituri analizzaw jekk il-garanziji tal-UE fuq is-self tawx appoġġ għat-tkabbir u l-innovazzjoni ta' negozji aktar żgħar billi ppermettewlhom jiksbu aċċess għall-finanzjament. Huma eżaminaw iż-żewġ strumenti mmaniġġjati ċentralment li qed joperaw bħalissa: il-Faċilità ta' Garanziji ta' InnovFin għall-SMEs, li hija intenzjonata għal kumpaniji xprunati mir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-Faċilità ta' Garanzija ta' Self. Matul il-perjodu 2014-2020, il-baġit tal-UE huwa mistenni jipprovdi EUR 1.78 biljun biex ikopri kemm it-telf potenzjali fuq is-self, kif ukoll l-ispejjeż għall-ġestjoni tal-istrumenti. Din iċ-ċifra titla' għal EUR 3.13 biljun meta jiġi inkluż il-finanzjament supplimentari mill-FEIS, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. F'termini ta' volum finanzjarju, iż-żewġ strumenti huma relattivament modesti meta mqabbla ma' dawk li l-UE pprovdiet għall-iskemi ta' garanzija nazzjonali għall-SMEs, taħt il-Fondi Strutturali, u dawk li l-Istati Membri nfushom ipprovdew.

"*L-awdituri tagħna sabu li jeħtieġ orjentament akbar lejn negozji vijabbli li ma għandhomx aċċess għall-finanzjament, u lejn dawk li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni b'potenzjal għoli għall-eċċellenza*," **qal Neven Mates, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport.** "*Jeħtieġ ukoll li l-iskemi jkunu kkoordinati ma' skemi simili fil-livell nazzjonali*".

L-awdituri jgħidu li, meta mqabbla mal-passat, l-istrumenti ta' garanzija bdew jiffunzjonaw malajr. Filwaqt li l-finanzjament disponibbli tal-UE żdied sostanzjalment, il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tas-suq li twettqet ma

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.
Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem **T: (+352) 4398 47063** **M: (+352) 691 55 30 63**
Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa **T: (+352) 4398 45410** **M: (+352) 621 55 22 24**
12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg
E: press@eca.europa.eu **@EUAuditors** **eca.europa.eu**

koprietx l-istrumenti ta' garanzija kollha u ma wrietx kif huma għandhom jirrispondu għal dawn il-ħtiġijiet. Sa issa, il-Kummissjoni pprovdiet biss evidenza limitata rigward l-effettività tal-istrumenti ta' garanzija fuq is-self li ntużaw preċedentement, filwaqt li l-livell ta' spejjeż u tariffi li tħallsu lill-FEI ma ġiex sostanzjat biżżejjed. Għalkemm sar titjib fl-arranġamenti ta' evalwazzjoni għall-istrumenti attwali, għad hemm bosta nuqqasijiet, bħal nuqqas ta' *data* għall-evalwazzjoni tal-effett fuq l-attività ta' innovazzjoni, u ambitu limitat għall-iskrutinju tal-iskemi permezz ta' riċerka akkademika.

Ibbażat fuq studju ekonometriku li twettaq għal Franza, l-istrumenti ta' garanzija fuq is-self għenu lill-kumpaniji benefiċjarji jikbru aktar f'termini ta' assi totali, bejgħ, numri ta' impjegati u produttività. L-effetti kienu ogħla għal negozji aktar żgħar u aktar ġodda, jiġifieri dawk li għalihom kien hemm probabbiltà akbar li jkollhom diffikultà biex jissellfu mingħajr il-garanzija. Dan għandu implikazzjonijiet importanti għall-orjentament lejn il-benefiċjarji taħt l-istrumenti.

L-awdituri sabu li fil-kampjun tagħhom, li kien ikopri disa' Stati Membri, kien hemm perċentwal sinifikanti ta' kumpaniji benefiċjarji li ma kienx ikollhom diffikultà biex jiksbu aċċess għall-finanzjament u b'hekk ma kinux jeħtieġu self garantit. L-għoti ta' self lil kumpaniji li fil-fatt kellhom aċċess għall-finanzjament kien partikolarment evidenti f'intermedjarji finanzjarji privati taħt il-Faċilità ta' Garanziji ta' InnovFin għall-SMEs. L-awdituri jgħidu li, meta l-istrumenti tal-UE jagħtu appoġġ lil negozji li diġà għandhom aċċess għal self kummerċjali, hemm ir-riskju li dawn l-istrumenti jikkompetu mas-settur privat.

Il-Faċilità ta' Garanziji ta' InnovFin għall-SMEs hija intenzjonata li tiffoka fuq il-kumpaniji li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni b'potenzjal għoli għall-eċċellenza. Madankollu, żewġ terzi tal-kumpaniji fil-kampjun jew wettqu biss żviluppi standard fil-prodotti jew fil-proċessi, jew inkella ma wettqu l-ebda innovazzjoni.

L-awdituri osservaw diviżjoni ċara ħafna bejn l-intermedjarji pubbliċi u dawk privati: dawk pubbliċi jirnexxilhom jiffukaw ferm aktar fuq negozji f'setturi b'intensità għolja ta' għarfien, fi kliem ieħor: dawk li għandhom probabbiltà akbar li jinnovaw.

Fl-aħħar nett, l-awdituri josservaw il-fatt li diġà jeżistu strumenti simili, fuq skala kbira, fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri, fatt li għandu riperkussjonijiet importanti għall-iskemi tal-UE u li jeżiġi titjib fl-implimentazzjoni tagħhom. Aħna nittamaw li l-Kummissjoni tindirizza l-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tagħna għal strumenti suċċessuri possibbli taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. B'mod speċifiku, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- tiżgura li jkun hemm orjentament akbar lejn negozji vijabbli li ma jkollhomx aċċess suffiċjenti għall-finanzjament;

- fil-każ tal-Faċilità ta' Garanziji ta' InnovFin għall-SMEs, tiżgura li n-negozji mmirati jkunu aktar innovattivi;

- twettaq evalwazzjoni komprensiva tal-effettività tal-istrumenti ta' garanzija preċedenti u dawk attwali, u tagħmel evalwazzjoni *ex ante* tas-suċċessuri possibbli;

- tidentifika kif l-istrumenti mmaniġġjati ċentralment jistgħu jirrispondu l-aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq billi tiġi żgurata l-koordinazzjoni mal-istrumenti ffinanzjati fil-livelli reġjonali u nazzjonali.

Nota lill-Edituri

Għal kważi 20 sena, l-UE għenet lill-intrapriżi żgħar u medji Ewropej jiksbu aċċess għall-finanzjament ta' dejn billi pprovdiet garanziji fuq is-self. Il-garanziji jiġu pprovduti lil intermedjarji finanzjarji, li huma mistennija jżidu s-self li jagħtu lil negozji vijabbli li altrimenti jesperjenzaw diffikultà biex jissellfu. Biex tgħin lil dawn in-negozji, l-UE tipprovdi fondi għal żewġ strumenti ta' garanzija mmaniġġjati ċentralment u, taħt il-politika ta' koeżjoni, hija tikkofinanzja strumenti simili stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali.

Minbarra dan, l-Istati Membri wkoll jipprovdu r-riżorsi proprji tagħhom għal skemi simili.

Fl-2016, il-Kummissjoni, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-FEI ddeċidew li jagħmlu parti mir-riżorsi baġitarji tal-FEIS disponibbli biex jissupplimentaw il-kontribuzzjoni mill-UE għaż-żewġ strumenti.

Ir-Rapport Speċjali Nru 20/2017: "Strumenti ta' garanzija fuq is-self iffinanzjati mill-UE: inkisbu riżultati pożittivi, iżda jeħtieġ orjentament akbar lejn il-benefiċjarji u koordinazzjoni aħjar mal-iskemi nazzjonali" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (*www.eca.europa.eu*) bi 23 lingwa tal-UE.